**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Ottubru 2015 – Hammar Nordic Plugg vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-253/12)** ([1])

***("Għajnuna mill-Istat — Bejgħ u kiri ta' art u ta' sit tal-produzzjoni — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna inkompatibbli mas-suq intern u li tordna l-irkupru tagħha — Assenza ta' proċeduri ta' sejħa għal offerti — Determinazzjoni tal-prezz tas-suq — Kriterju ta' investitur privat — Effett fuq il-kummerċ bejn Stati Membri")***

(2015/C 429/19)

*Lingwa tal-kawża: l-Isvediż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Hammar Nordic Plugg AB (Trollhättan, l-Isvezja) (rappreżentanti: I. Otken Eriksson u U. Öberg, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Grespan u P.-J. Loewenthal, aġenti, assistiti minn L. Sandberg-Morch, avukat)

**Suġġett**

Talba għal annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/293/UE, tat-8 ta' Frar 2012, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.28809 (C-29/10) (ex NN 42/10 & ex CP 194/09) implimentata mill-Isvezja favur Hammar Nordic Plugg AB (ĠU L 150, p. 78)

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Hammar Nordic Plugg AB għandha tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

([1]) ĠU C 258, 25.8.2012.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Ottubru 2015 – Rot Front vs UASI – Rakhat (Маскa)**

**(Kawża T-96/13)** ([1])

***["Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva Маскa — Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti mhux irreġistrata Маскa — Raġuni relattiva għal rifjut — Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Applikazzjoni tad-dritt nazzjonali mill-UASI"]***

(2015/C 429/20)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Rot Front OAO (Moska, ir-Russja) (rappreżentanti: inizjalment B. Térauda, sussegwentement O. Spuhler u M. Geitz, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Walicka, aġent)